MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1974/2000/1

Joseph u Maria konjugi Spiteri

Vs

Kenneth Azzopardi u Fiona Francica

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-25 ta' Settembru 2000 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi huma s-sidien tal-fond "Joslord" fi Triq George Borg, Birkirkara, mentri l-konvenuti huma s-sidien ta' l-"air space" sovrastanti dan il-fond mibjugh lilhom mill-istess atturi b'att tas-17 ta' Novembru 1999, atti Nutar Dr. Pierre Falzon; illi fil-kors tal-izvilupp tal-air space fuq indikat, b'nuqqas ta' mizuri preventivi jew b'azzjoni diretta tal-istess zvilupp, il-proprjeta' ta' l-atturi garrbet danni bid-dhul tal-ilma, kompriz konsenturi u hsarat ohra accertati mill-periti nkarigati mill-istanti; illi stante li gew interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni l-konvenuti offrew tramite l-assikurazzjoni taghhom ammont li kien inaccettabbli billi

s-somma offerta ma kienetx taghmel tajjeb ghall-entita' tad-danni sofferti; illi nonostante l-ittra ufficjali spedita fid-19 ta' Lulju 2000 l-istess konvenuti baqghu inadempjenti; talbu li din il-Qorti:-
1. tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi fil-proprjeta' taghhom;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi;
3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-interessi u bl-ispejjes, konprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2000 u tal-ittra legali tas-27 ta' April, 2000, kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fit-12 ta' Jannar 2001 li permezz taghha eccepew:-
1. illi l-konvenuti ma ghandhomx ibatu l-ispejjes ta' din il-kawza, stante li huma ripetutament offrew li jikkumpensaw lill-atturi, tramite l-assikurazzjoni taghhom, tal-hsarat illi l-attur garrab;
2. illi l-kumpens offert lill-atturi kien wiehed idoneju ghalhekk l-atturi ma kellhomx ghaliex jirrifjutaw.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-7 ta' Frar 2001 ta' din il-qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-23 ta' Frar 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Frar 2001 meta gie mahtur bhala espert tekniku l-AIC Noel Debattista u r-rapport tieghu mahluf fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2002.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-atturi huma sidien ta' fond sottostanti proprjeta' tal-konvenuti li gie zviluppata fi zmien qabel dawn il-proceduri. Jirrizulta li waqt dan l-izvilupp kienet saret hsara fil-fond tal-attur kawza tal-perkolazzjoni tal-ilma u ghall-ragunijiet ohra, ghal-liema hsara l-konvenuti, tramite l-assikurazzjoni taghhom obbligaw ruhom li jaghmlu tajjeb.

Ma hemmx kontestazzjoni fuq ir-raguni tal-hsara u l-fatt li din trid tigi rimedjata a spejjes tal-konvenuti. L-unika kwistjoni li hemm tikkoncerna l-quantum tad-danni sofferti mill-atturi u cioe l-ammontar fi flus li ghandhom jithallsu lill-atturi biex isir x-xoghol mehtieg halli l-fond taghhom jigi ripristinat. Qabel dawn l-proceduri saru diversi offerti mis-socjeta' assikuratrici tal-konvenuti biss dawn ma gewx accettati peress li kienu baxxi skond l-perit tal-atturi.

Fil-mori tal-kawza gie mahtur l-AIC Noel Debattista bhala espert tekniku sabiex jikkonstata l-hsara u jaghmel stima tax-xogholijiet mehtiega u danni ohra konnessi. Mir-rapport tal-Perit Debattista jirrizulta li l-ispiza necessarja tammonta ghas-somma ta' disa' mija u sbatax-il lira maltin erbgha u tlettin centezimu (LM917.34). Dwar din l-istima ma kien hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekkqed tigi akkolta u d-danni attrici likwidati fis-somma imsemmija.
Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' disa' mija u sbatax-il lira maltin erbgha u tlettin centezimu (LM917.34) ghad-danni sofferti mill-atturi fil-proprjeta taghhom kawza tax-xogholijiet intraprizi mill-istess konvenuti.

Billi jirrizulta li l-atturi kienu gustifikati jirrifjutaw l-offerti tal-konvenuti, l-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenuti.

Onor Imhallef Albert J. Magri